MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 693/2000/1

**Mario Caruana**

**Vs**

**Louis Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur l-ammont ta' erba mija tnejn u tletin liri Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm432.92) dovut wara appogg skond rapport mahrug mill-Perit Emm. Zammit (Dok A).

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datat 1 ta' Marzu 2000 u dawk tal-ittra ufficjali datat 13 ta' April 2000 kontra l-konvenut u bl-imghax legali mit-13 ta' April 2000.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-istima ossija rapport annessa mal-istess avviz (fol 2 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 12 tal-atti) u li biha eccepixxa illi:-

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispjjez kontra l-attur stante illi:-

1. L-ammont minnu reklamat mhux dovut fl-intier tieghu stante li huwa mahdum skorrettement, kif ukoll huwa eccessiv stante li hu mahdum skond rati hziena u mhux kif miftiehem bejn il-partijiet;

2. L-ammont reklamat jikkomprendi wkoll prezz ta' materjal u xogholijiet li saru a beneficcju esklussiv tal-attur, u li minnhom il-konvenut ma ha l-ebda gwadann, wisq anqas appogg;

3. Inoltre u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, kwalsiasi ammont li jista' jkun dovut lill-attur, ghandu jigu pacut mal-ispejjez inkorsi mill-istess konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghal hsarat kollha li soffra fil-proprjeta tieghu derivanti mill-hajt in kwistjoni, u li ghalihom huwa unikament responsabbli l-attur;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lilu skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet li bih gie nominat, bhala espert tekniku <u>l-A.I.C. Alan Saliba</u> (fol 18 ibid) kif ukoll ir-<u>rapport</u> ta' dan (fol 26 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mix-xhieda tal-istess konvenut (fol 19 u fol 32 et seq ibid), hu stess xehed li hu minnu "li xi haga bhala appogg hija dovuta minni" Dwar dan hu zied jghid "Pero, esattament, kemm hu dovut minni ma nafx". Ghalhekk ghandha issir referenza ghar-<u>rapport</u> sottomess mill-imsemmi espert tekniku, b'mod specjali, ghall-<u>konkluzzjoni</u> (fol 40 tal-atti) kif ukoll ghall-<u>Kont Rivedut</u> (fol

39 tal-istess atti). Minn dan jirrizulta li l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur, in konnessjoni ma dak pretiz fl-avviz in esami, effettivament, jammota ghal Lm413.59,0, ftit anqas minn dak specifikat fl-istess avviz.

Illi tali konkluzjoni sottomessa mill-istess espert tekniku u ma gietx kontestata mill-partijiet u ghalhekk ghandha tigi adottata mill-istess Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' in parte" it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm413.59,0 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Marzu 2000 u ta' dik ufficjali tat-13 ta' April 2000, dawn ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut in vista li d-differenza bejn l-ammont pretiz fl-avviz u dak filfatt milqugh mill-Qorti hu minimu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------